ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 56/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, l-4 ta' Ottubru 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

F' isem il-Kunsill Lokali, is-Sindku awgura fejqan ta' malajr lill-Viċi Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn is-Sur Emanuel Debono u talab lill-Kunsillier Harry Debono biex jgħaddi l-messaġġ tal-Kunsill lil ħuh.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 55/10

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 55/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku għamel referenza għall-pġ. 3 l-aħħar para. Avviż ta' infurzar maħruġ mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-kostruzzjoni ta' bankina fi Triq Sta Marija u qal għandu jitniżżel fil-minuti wkoll li l-Perit għandu jissottometti applikazzjoni mal-MEPA jekk hu l-każ. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 55/10

Dwar it-talba biex tinżamm laqgħa mal-Ministru għal Għawdex fir-rigward tal-grawnd tal-iskola, il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi risposta mill-Ministeru. Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li kien għadha ma rċevietx tweġiba għall-ittra tagħha.

Dwar il-kont tal-istampar ta' *newsletter* tal-Kunsill, il-Kunsilliera Camilleri u Refalo saħqu li s-Segretarja Eżekuttiva kellha tara fil-minuti jekk kienx hemm approvazzjoni minn qabel. Is-Sindku wieġeb kulħadd għandu kopja tal-minuti.

Il-Kunsillier Refalo rrimarka li l-*bus shelter* propost għal Triq il-Qbajjar kien ilu li ġie approvat mill-Kunsill u mhux fl-aħħar seduta.

Dwar il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, il-Viċi Sindku qal minkejja li l-minuti ntbagħtu minn qabel kif deċiż mill-Kunsill, imkien fil-minuti tal-Kunsill m' hemm imniżżel dan.

Il-Kunsillier Refalo qal li kien kellem lil tal-Kumitat għal Marsalforn biex għax-xitwa jaqalgħu l-*litterbins* li rregala hu lill-Kunsill pero' dawn xorta baqgħu ma nqalgħux.

Il-Kunsill iddeċieda li jaqla' l-*litterbins* li rregala l-Kunsillier Refalo u tmien bankijiet minn fuq il-*promenade* ta' Marsalforn biex ma jitkissrux bil-maltemp.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Il-Kunsill Lokali approva (Laqgħa Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn nru. 04/2010):

(i) attivita' soċjali biex jinġabru fondi b' risq il-Malta Community Chest Fund is-Sibt 20 ta' Novembru 2010 fil-Crystal Palace. Iċ-Chairperson tal-Kumitat ta' Marsalforn issuġġeriet li tkun organizzata *car wash* fil-lokalita'.
(ii) jitlob biex issir id-devoluzzjoni tal-kjosk tal-*promenade* tal-Qbajjar.
(iii) ssir talba biex titpoġġa *bus shelter* fit-tarf ta' Triq Santa Marija, faċċata tal-Bajja tal-Qbajjar.
(iv) t-twaħħil ta' tappieri għal żewġ *inspections* miftuħa fuq bankina fi Triq il-Qbajjar.
(v) li titranġa roqqa li qed iżżomm l-ilma fi Triq il-Wied kantuniera ma' Triq il-Munġbell.
(vi) jiżżarma l-passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn (stima ta' €400).
(vii) t-tiswija tal-bankina quddiem Ġanġu Flts fi Triq tan-Naħla.

(viii) t-twaħħil ta' *shade* għall-lampa mwaħħla mar-residenza nru. 26 fi Triq il-Forn.
(ix) jinbdew il-proċeduri biex tinqala' siġra tal-palm minn ġo bankina fi Pjazza San Pawl u terġa' titħawwel f' post ieħor.
(x) issir 'Keep Clear' maġenb il-latrina pubblika tal-Menqa.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Komunikat ta' Eddie Vella – Gozo Jeep Tours fejn talab permess tal-Kunsill Lokali biex jagħmel attivitajiet soċjali għal gruppi ta' turisti nhar it-8, id-9 u l-24 ta' Ottubru 2010 fil-Bajja tax-Xwejni. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-permessi għal dawn it-tlett attivitajiet u dan fid-dawl li l-ġranet huma matul ix-xahar ta' Ottubru, perjodu meta għandna ngħinu biex titkisser l-istaġjonalita' tat-turiżmu. Is-Sindku tkellem dwar artiklu li deher fil-ġurnal Kulħadd dwar it-talbiet għal permessi tal-Gozo Jeep Tours. Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ittra tad-Direttur Ġenerali dwar il-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill. Intqal li dejjem għandhom jintalbu l-kummenti tal-Kunsillieri.

Ittra mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-ħlasijiet mill-Korporazzjoni għal xogħlijiet ta' *re-instatement*.

Ittra mibgħuta mill-Caritas dwar il-jum internazzjonali ddedikat kontra l-faqar u l-esklużżjoni soċjali.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti ġew approvata:-**

| | |
|---|---|
| Parteċipazzjoni fl-attivita` tal-Karnival 2010<br>(Monica Grima) | €140.00 |
| Spejjeż relatati għar-rappurtaġġ minn CVC Communications – iffirmar tal-Protokol ta' Adezjoni u Memorandum of Understanding ERY<br>(Kumitat Reġjonali Għawdex) | €233.00 |
| Tiswija ta' diversi lampi (Richard Cauchi) | €1,068.44 |
| Kera tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma 27/04 – 07/09/2010<br>latrina pubblika taż-Żebbuġ (ARMS Ltd) | €15.99 |
| Parteċipazzjoni fl-attivita` tal-Karnival 2010<br>(Sinet Folk Group) | €100.00 |
| 56 *isolators* – diversi lampi tat-toroq (Richard Cauchi) | €2,543.49 |
| *Contracts Manager fee* – Ġunju 2010<br>(Fortunato Mifsud) | €91.46 |
| Servizzi ta' librara – Settembru 2010 (Joanne Grima) | €69.96 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar –<br>Lulju - Awwissu 2010 (John Zammit) | €516.30 |

Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Settembru 2010
(Nancy Cefai) €143.84
Ġbir ta' l-iskart domestiku (*double collection* f' Marsalforn) u tbattil u tindif ta' l-i*skips* –
Awwissu 2010 (Louis Attard) €7,755.90

## 7. SEJĦIET GHALL-OFFERTI

**ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU MĦALLAT**

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ittra tal-offerent Louis Attard fejn ikkonferma li l-ħlas addizzjonali ta' €57.60 qed jintalab għal meta l-i*skips on wheels* ma jitbattlux mad-dawra (meta jitbattlu l-i*skips* waħedhom).

Il-Kunsill aċċetta l-offerta ta' Louis Attard li kienet l-unika waħda.

**TINDIF U MANUTENZJONI TAL-LATRINI PUBBLIĊI TAŻ-ŻEBBUĠ**

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet kitbet lill-offerent Noel Attard pero' Attard ma wiġibx għall-ittra tagħha. Qalet li meta tkellmet mal-mara tas-Sur Attard, verbalment ikkonfermat li ċ-ċifra kkwotata fl-offerta hi għal xahar.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Annunziata Cefai li kienet l-irħas offerta.

**TINDIF U MANUTENZJONI TA' PARKI U ĠONNA**

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu tlett offerti għall-Kuntratt tat-tindif u l-manutenzjoni ta' parki u ġonna. Qalet li l-offerti huma, b' valur ta':

| | |
|---|---|
| Anthony Borg | €6,362 |
| Nicholas Zammit | €8,600 |
| Jacqueline Zammit | €9,875. |

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Anthony Borg li kienet l-irħas offerta.

## 8. INGAĠĠ TA' SKRIVAN/A

Peress li l-Bord tal-Għażla appuntat mill-Kunsill baqa' ma bagħatx ir-rapport tiegħu u l-permess tal-ETC kien wasal biex jiskadi, il-Kunsill iddeċieda li jerġa' jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' skrivan/a *part-time* skala 15.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat jipproponi lil Transport Malta biex isiru *parking bays* fi Triq ix-Xwejni (mill-gabbana sal-*boathouses*) u *double yellow lines* fil-liwja ta' Triq

ix-Xwejni li tiġi faċċata tal-is*lipway* (ilment 46/2010) u ftit passi l-ġewwa hekk kif jispiċċaw l-*boathouses* (proposta tal-Kunsillier Refalo).

Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet:

- it-traqqiegħ ta' ħofra fi Triq Ta' Tutiet (jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill; ilment 47/2010).
- titwaħħal sistema ta' dwal fil-*pitch* tal-boċċi taż-Żebbuġ (stima ta' €1,278,64; ilment 48/2010).
- titwaħħal lampa ġdida mar-residenza 'Maria Bambina' fi Triq il-Kaċċaturi; (ilment 50/2010).
- jinqata' l-ħaxix f' passaġġ fi Triq Wied l-Infern, l-ewwel passaġġ ġej minn Marsalforn; (ilment 51/2010).
- isir mill-ġdid pajp tal-ilma maġenb l-għajn tal-Kunsill fi Triq iż-Żebbuġ; (ilment 59/2010).

Dwar ilment 55/2010 ta' Joe Axiaq biex jitnaddaf wied fi Triq Wied l-Infern, is-Sindku qal hemm każ pendenti fil-Qorti.

Ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel stima biex isiru dawn ix-xogħlijiet:

- it-traqqiegħ bil-konkos ta' Triq taċ-Ċaqra; (ilment 56/2010)
- it-traqqiegħ bil-*hot asphalt* tat-toroq fuq ir-raħal; (ilment 57/2010).
- il-kisi bil-konkos tat-triq quddiem bini ġdid maġenb ir-residenza 'Paradise' fi Triq Fra Baskal; (ilment 60/2010).

Dwar il-ħarġa tal-anzjani, kien miftiehem li l-Kunsillieri u l-qassis ma jħallsux għall-ikel (tal-qassis bħala kumpens tal-quddiesa).

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fis-7.30 ta' filgħaxija għal nhar it-Tnejn l-1 ta' Novembru 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 56/10**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Konsum u kera tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma 27/04/2010 – 07/09/2010 Uffiċini tal-Kunsill | |
| (ARMS Ltd) | €320.60 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons | |
| (GO) | €194.71 |
| Kiri ta' *jag-hammer* - bankina f' sit fi Triq Santa Marija u materjal (kulur) għall-*bus shelter* ta' Marsalforn | |
| (Francis Saliba) | €58.00 |
| Żebgħa u pniezel – għall-bankijiet taż-Żebbuġ | |
| (Dominic Department Stores Ltd) | €100.11 |
| Spejjeż tal-uffiċċju | |
| (Smart Office Supplies Ltd) | €122.88 |
| Boroż għall-ħaddiema tal-ETC | |
| (Inserv) | €101.72 |
| *Contract Manager fee* – Settembru 2010 | |
| (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Tindif tal-pjazza u t-toroq tal-madwar fil-*weekend* tal-festa 21-22/08/10 | |
| (Spiru Muscat) | €130.00 |
| Qtugħ tal-ħaxix u tindif ta' Triq Wied l-Infern | |
| (Żebbuġ Rovers F.C.) | €1,088.57 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Awwissu 2010 | |
| (Group 4S Security Services Ltd) | €30.44 |
| *Filming* tal-Musical 'Għeruqna' | |
| (Philip Cassar) | €250.00 |
| Servizz ta' banda – End of Summerfest 2010 | |
| (Banda Santa Marija) | €1,000.00 |
| Preżentazzjoni ta' l-ispettaklu ta' talent lokali 2010 f' Marsalforn | |
| (Jacqueline Vella) | €60.00 |

30 ta' Settembru 2010